22003D0036

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 36/2003

ta' l-14 ta' Marzu 2003

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll dwar l-aġġustament tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XIII tal-Ftehim kien ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 13/2003 tal-31 ta' Jannar 2003 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/35/KE tal-25 ta' April 2002 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE li tistabbilixxi sistema ta' sigurt armonizzata għal bastimenti tas-sajd ta' 24 metru u iżjed fit-tul ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 56g (Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE) ta' l-Anness XIII tal-Ftehim:

"– **32002 L 0035**: Direttiva tal-Kummissjoni 2002/35/KE tal-25 ta' April 2002 (ĠU L 112, tas-27.4.2002, p. 21)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttiva 2002/35/KE bl-Islandiku u n-Norveġiż, li għandhom jiġu pubblikati fis-Suppliment tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Marzu 2003, basta li n-notifikazzjonijiet kollha skond l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu ġew mgħoddija lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

([1]) ĠU L 94, ta' l-10.4.2003, p. 67.
([2]) ĠU L 112, tas-27.4.2002, p. 21.
(*) L-ebda ħtiġijiet kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fit-Taqsima dwar iż-ŻEE u fis-Suppliment dwar iż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussel, fl-14 ta' Marzu 2003.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND